# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Ħamis**
**Tletin (30) ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru 235/19 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali 94/2019 fl-ismijiet**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Vs**

**Steven Delicata (ID 287767M) f'ismu personali u kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Hollywood Caterers Limited (C 57867)**

**U fl-atti tal-Ittra Uffiċjali 95/2019 fl-ismijiet**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Vs**

**Hollywood Caterers Limited (C 57867)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta' Marzu 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti *nomine* talbu is-segwenti:

*Illi fl-10 ta' Jannar, 2019 ġew ippreżentati ittri uffiċjali fl-ismijiet premessi li permezz tagħhom il-mittent Kummissarju tat-Taxxi interpella lill-esponenti Steven Delicata proprio et nomine u lis-soċjeta' Hollywood Caterers Limited sabiex iħallsu s-somma ta' tmienja u erbgħin elf, disa' mija u għaxar Euro u wieħed u ħamsin Euro ċenteżmi (€48,910.51) rappreżentanti ammont allegatament dovut mill-esponent Steven Delicata proprio et nomine u mill-esponenti Hollywood Caterers Limited, bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-Att XXIII tal-1998.*

*Illi l-esponent proprio et nomine Steven Delicata u l-esponenti Hollywood Caterers Limited jixtiequ jopponu din it-talba għall-ħlas billi l-esponent Steven Delicata proprio et nomine u l-esponenti Hollywood Caterers Limited ma huwiex qegħdin jaqblu ma' l-ammont reklamat u mitlub.*

*Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq esposti, l-esponent rikorrent Steven Delicata proprio et nomine u l-esponenti Hollywood Caterers Limited, umilment jitolbu illi t-talba għall-ħlas tal-ammont reklamat u mitlub fl-imsemmija ittri uffiċjali tiġi dikjarata bħala waħda infondata u konsegwentement riġettata u dan bl-ispejjeż.*

2. Rat illi fl-10 ta' April 2019, il-Kummissarju tat-Taxxi irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti oġġezzjonijiet:

*1. Illi b'mod preliminari, r-rikors promotur huwa null in kwantu ma sarx fil-forma ta' rikors maħluf kif titlob il-liġi. F'dan ir-rigward issir referenza inter alia għas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Outwest Limited vs il-Kummissarju tat-Taxxi (994/2016 JRM deċiża nhar is-27 ta' Marzu 2018);*

*2. Illi wkoll b'mod preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammonti dovut lill-esponenti in kwantu tali ammonti huma dovuti bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv li l-esponenti ġia għandu favur tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittri uffiċjali in kwistjoni bin-numri 94/2019 u 95/2019 huma intiżi biss li jirrendu eżegwibbli l-istess titolu eżekuttiv li għandu l-esponenti;*

*3. Illi t-titolu eżekuttiv li għandu favur tiegħu l-esponenti jikkonsisti fl-avviż mibgħut u notifikat lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittri uffiċjali imsemmija, kif ġia' ingħad, huma ntiżi biss sabiex jirrendu eżegwibbli tali titolu eżekuttiv;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll b'mod preliminari, dejjem bid-dovut rispett, fi kwalunkwe każ din l-Onorabbli Qorti mhix il-forum kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammonti pretiż humiex dovuti o meno in kwantu huwa biss it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li għandu l-poter sabiex jiddetermina l-istess u dan ai termini tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti segwa u aġixxa skont id-dettami tal-liġi u ċioe' l-proċedura kkontemplata fil-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex ottjena t-titolu eżekuttiv favur tiegħu, kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors;*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ġia la darba ma saret l-ebda kontestazzjoni għall-ammont dovut mir-rikorrenti fit-termini mogħtija fil-liġi, ma tista' ssir l-ebda kontestazzjoni f'dan l-istadju dwar l-istess ammont dovut lill-esponenti;*

*7. Illi għalhekk, ġia la darba r-rikorrenti kellhom l-opportunita' li jikkontestaw l-ammonti dovuti pero' għażlu li jibqgħu siekta, ma jistgħux jikkontestaw l-ammonti dovuti f'dan l-istadju meta l-esponenti għandu f'idu titolu eżekuttiv reż eżegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti;*

*8. Illi għalhekk, l-ammont indikat fl-ittri uffiċjali in kwistjoni hu dovut mir-rikorrenti lill-esponenti;*

*9. Illi għaldaqstant it-talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

3. Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2019 il-partijiet qabblu illi titħalla għas-sottomissjonijet finali fuq l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat.

4. Rat is-sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi ippreżentati fid-19 ta' Novembru 2019.

5. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippreżentati fis-16 ta' Diċembru 2019.

6. Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2019 il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni.

## Fatti

7. Jirriżulta illi fl-10 ta' Jannar 2019, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ppreżenta żewġ Ittri Uffiċjali, waħda 94/2019 kontra Steven Delicata f'ismu proprju u kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Hollywood Caterers Limited (fol 27) , u oħra 95/2019 kontra Hollywood Caterers Limited (fol 28)

8. Il-Qorti ma għandha ebda indikazzjoni meta dawna l-Ittri Uffiċjali ġew notifikati lir-rikorrenti.

9. Fil-5 ta' Marzu 2019, ir-rikorrenti bdew dawna l-proċeduri odjerni permezz ta' rikors <u>mhux</u> ġuramentat, fejn opponew għal dak rikjest mill-Kummissarju tat-Taxxi u talbu sabiex l-Ittri Uffiċjali jiġu ddikjarati bħala infondata u għalhekk riġettati.

**Kontestazzjoni**

10. Jirriżulta illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fid-difiża tiegħu, qajjem varji eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fosthom illi r-rikors promotur kien null għax ma sarx fil-forma ta' rikors maħluf kif trid il-Liġi.

11. Jirriżulta illi l-partijiet qablu illi dina l-Qorti l-ewwel tgħaddi biex tiddeċiedi tali eċċezzjoni preliminari.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Jirriżulta illi r-rikorrenti, fis-sottomissjonijet tagħhom, jikkontendu illi l-azzjoni odjerna hija intiża sabiex tattakka Ittra Uffiċjali illi tikkostitwixxi u tikkwalifika bħala Att Eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12, liema Atti eżekuttivi jistgħu jiġu attakkati abbażi tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 b'sempliċi rikors, u mhux meħtieġ rikors ġuramentat.

13. Jirriżulta, di fatti, illi r-rikorrenti jikkontendu illi "l-azzjoni tal-esponenti ma hijiex intiża sabiex tattakka t-titolu eżekuttiv naxxenti mill-Avviz li għalih issir referenza fl-Ittra Uffiċjali iżda sabiex tattakka l-att eżekuttiv li permezz tiegħu qiegħed jintalab li t-titolu eżekuttiv allegat .. jiġi reż eżegwibbli".

14. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li, skond l-Artikolu 161 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, "*(1) Fil-Qrati Superjuri u tal-Maġistrati f'Malta u Għawdex, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors <u>iżda f'dawk superjuri għandu jkun ġuramentat</u>; (2) Il-proċedimenti jistgħu jitmexxew b'rikors fil-każijiet preskritti bi jew skont xi liġi.*"

15. L-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi illi, la darba l-Ittra Uffiċjali inħarġet a tenur tal-Artikolu 59 (2) tal-Kap 406, liema artikolu tal-Liġi ma jipprovdix li tali Ittra Uffiċjali tista' tiġi opposta b'rikors <u>mhux maħluf</u>, għaldaqstant, kwalsiasi azzjoni kellha ssir b'rikors maħluf a tenur tal-Artikolu 166 (1) tal-Kap 12.

16. Jirriżulta illi, in sostenn tal-argumentazzjoni tiegħu, l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jagħmel referenza għall-każ "**Outwest Limited vs il-Kummissarju tat-Taxxi**" (994/16 JRM deċiża 27 ta' Marzu 2018), u għall-każ "**Il-Kummissarju tat-Taxxi vs David Agius et**" (79/19 JZM deċiża 31 ta' Ottubru 2019", fejn tali argumentazzjoni ġiet aċċettata mill-Qrati.

**Konsiderazzjonijiet**

17. Jirriżulta lil dina l-Qorti illi l-ewwel u qabel kollux, għandu jitqies dak illi jipprovdi l-Artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

18. Jirriżulta illi l-Artikolu 59(1) tal-Kap 406 jipprovdi illi Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti għandhom, sakemm mhux ikkontestati, "jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili."

19. Jirriżulta, sussegwentement, Artikolu 59(2) tipprovdi għall-żewg stadji fil-ġbir ta' tali taxxa. L-ewwel stadju huwa fejn il-Kummissarju tat-Taxxi jitlob il-ħlas permezz ta' Talba għall-Ħlas, liema ħlas għandu jsir fi żmien 30 ġurnata. It-tieni stadju huwa meta, wara li jiskadu t-tletin ġurnata u ma jsirx ħlas, il-Kummissarju tat-Taxxa jinnotifika t-Talba għall-Ħlas permezz ta' att ġudizzjarju li, wara jumejn min-notifika, jippermetti lill-Kummissarju tat-Taxxi jiġbor il-flejjes dovuti bis-saħħa ta' Titolu Eżekuttiv.

20. Jirriżulta illi hawnhekk il-Qorti tħoss illi għandha tagħmel referenza għar-raġunament imqajma minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fil-każ fuq imsemmi "**Outwest Limited vs Kummissarju tat-Taxxi**", fejn qalet is-segwenti dwar azzjoni identika għal dik hawn ikkunsidrata:

> *Illi ma hemm l-ebda ħjiel ta' dubju li l-azzjoni ta' Outwest la hija mressqa taħt l-Artikolu 466 tal-Kap 12 u lanqas taħt l-Artikolu 281 tal-istess Kodiċi (li huma żewġ suriet ta' proċedura fejn il-liġi nnifisha tgħid li jistgħu jitressqu b'rikors 'sempliċi' u mhux b'rikors maħluf). Dan jingħad għaliex filwaqt li l-Artikolu 466 tal-Kodiċi huwa maħsub milli jżomm pretensjoni ta' dipartiment tal-Gvern milli ssir titolu eżekuttiv, il-proċedura maħsuba taħt l-Artikolu 281 hija mfassla biex tattakka atti eżekuttivi u mhux titoli eżekuttivi li jkunu diġa` miksuba. Tajjeb li wieħed jiċċara wkoll li l-artikolu 281 jitkellem dwar proċedura biex tattakka atti eżekuttivi. L-atti eżekuttivi magħrufa mil-liġi huma dawk li jissemmew b'mod tassativ fl-Artikolu 273 tal-Kodiċi tal-Proċedura. Ittra uffiċjali bħal dik mibgħuta mill-Kummissarju lil Outwest mhijiex att eżekuttiv u lanqas titolu eżekuttiv, imma hija l-proċedura maħsuba mil-liġi biex tirrendi eżegwibbli kull titolu eżekuttiv ieħor li mhuwiex sentenza;*

21. Jirriżulta, fil-każ odjern, illi l-azzjon intentata mir-rikorrenti hija sabiex tikkontesta l-Ittra Uffiċjali ppreżentata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

22. Jirriżulta wkoll illi l-Ittra Uffiċjali li wasslet sabiex tinbeda l-proċeduri odjerni, kienet rikjesta, skond l-Artikolu 59 (2) tal-Kap 406, sabiex jiġi eżegwit it-Titolu eżekuttiv ġia fil-pussess tal-Kummissarju hekk kif l-Avviż ma ġiex ikkontestat skond il-Liġi.

23. Jirriżulta illi, b'analoġija, dak kkontemplat fl-Artikolu 59 (2) tal-Kap 406 huwa wkoll ikkontemplat fl-Artikolu 256 (2) tal-Kap 12 illi jgħid li "l-eżekuzzjoni ta' kull titolu eżekuttiv ieħor ma tistax issir ħlief wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju"

24. Jirriżulta, għalhekk, illi l-Ittra Uffiċjali li qegħdin jattakkaw ir-rikorrenti ma hijiex Att Eżekuttiv, kif ikkontemplat fl-Artikolu 281 tal-Kap 12, iżda hija biss dik in-

notifika, rikjesta mill-Liġi, sabiex titolu eżekuttiv jiġi eżegwit – għalhekk, tali Ittra Uffiċjali ma tistax titqies bħala att eżekuttiv illi jista' ġiġi attakkat kif ikkontemplat fl-Artikolu 281, kif jikkontendu r-rikorrenti.

25. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, l-azzjoni tar-rikorrenti biex jattakkaw l-Ittra Uffiċjali, irrispettivament minn jekk setgħetx issir b'suċċess jew le, kellha ssir permezz ta' Rikors Ġuramentat u mhux, bħalma ġara fil-każ odjern, b'rikors sempliċi.

26. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tat-Taxxi timmerita illi tintlaqa'.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta' l-vertenza billi;

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni imqajma mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi u għalhekk

**Tiddikjara** r-rikors promotur bħala null inkwantu ma sarx fil-forma ta' rikors maħluf kif trid il-Liġi.

**Bl-ispejjez** kontra r-rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**